# IR-REGINA ESTER (L-EWWEL PARTI)



Ir-re Asseru kien sultan l-aktar setghani fid-dinja ta' dak iz-zmien. Fit-tielet sena tar-renju tieghu huwa stieden lin-nobbli u princpijiet tas-saltna tieghu ghall-festa li ghaliha attendew f'numru kbir.  Is-saltna tieghu tant kienet kbira li kellha aktar minn 127 provincja imxerrda mill-Etiopja sa l-Indja.  Fis-saltna tieghu kien hemm hafna lhud jghixu.



Kielu ikel tajjeb u bnin u xorbu kemm felhu mill-kalcijiet tad-deheb. Fl-ahhar tal-festa huwa ordna li martu, ir-regina Vasti tidhol fis-sala tal-pranzu biex il-mistednin jaraw b'ghajnejhom kemm kienet mara sabiha u tixraq li tkun regina. Izda Vasti ma riditx tidhol u baqghet fil-kamra taghha.

Is-sultan Assweru sahan hafna li martu ma obdietx u l-ghorrief tieghu



qalulu li martu kienet ta' ezempju hazin ghax ma obdietx l-ordni tieghu.Xi hadd qallu biex johdilha t-titlu ta' regina u dak kollu li kellha. Is-sultan hareg ordni fil-pajjiz kollu li n-nisa kellhom jobdu lil

zwieghom. U din il-ligi nqrat f'kull belt u rahal tas-saltan tieghu..



Issa min kien ser johdilha postha bhala regina? Baghtu jfittxu fis-saltna tieghu lil dawk in-nisa li kienu sbieh biex igibuhom quddiem is-sultan halli dan jaghzel wahda minnhom. Ma' dawn kien hemm wahda jisimha Ester, mara zaghzugha Lhudija li kienet tghix ma zijuha billi l-genituri taghha hallewha iltima. Dan zijuha kien jismu Mordokai u kien jahdem bhala qaddej fil-palazz tas-sultan Assweru. Zijuha wissieha biex ma tghid lil hadd li kienet lhudija. Is-sultan ra li kienet mara sabiha u jixirqilha li tkun regina U hekk ghamel.



Ftit tal-jiem wara Mordokai, waqt li kien ghassa mal-bieb tal-palazz, sema' zewgt irgiel jikkumplottaw kontra r-re Assweru. Mordokai avza' lil Ester biex tghid lis-sultan dwar din il-haga. Dawn gew maqbuda u maqtula. Dak kollu li gara gie mnizzel bil-kitba fid-dokumenti li kien izomm is-sultan bhala l-istorja tas-saltan tieghu.



Is-sultan ta' promozzjoni li wiehed ta' madwaru jismu Aman u lahqu fuq kull princep iehor. Kull meta Aman kien jidhol fil-palazz il-

qaddejj kienu jinzlu wicchom ma’ l-art.  Imma mhux hekk kien jaghmel Mordokai.



“Ghaliex tikser il-kmand tas-sultan u ma tbaxxix rasek biex tonora lil Aman,” kienu jistaqsuh il-qaddejja shabu. Huma kienu jafu li Mordokai kien Lhudi. “ Mordokai qatt ma ried jisma’ minnhom. Kull qima u unur ghandhom jinghataw lil Alla biss u mhux lill-bnedmin,” kien iwegibhom. “ U jien hekk naghmel.”



Meta nduna, Aman irrabja hafna li Mordokai ma kienx jobdi l-kmand tas-sultan. Huwa ghalhekk hadem pjan biex mhux biss inehhi minn nofs lil Mordokai izda jikkastiga l-poplu lhudi kollu.



Allura Aman mar ghand is-sultan u qallu: “Hemm xi nies anzi poplu fir-renju tieghek li dawn ghandhom ligijiet ghalihom u ma jobdux il-ligijiet tas-sultan. Hemm bzonn li nghaddu ligi li dawn neqirduhom Jiena naghti ghaxart elef talent tal-

fidda lit-tezor tas-Sultan biex dan isir.



Is-sultan tah ic-curkett tas-sigill u qallu: “Zomm il-flus ghalik u imxi ma’ dawn in-nies kif tara inti l-ahjar.”



Aman gabar l-iskribi tas-sultan u qalilhom biex jiktbu l-ordni tas-sultan.  Huwa kkmanda li fit-tlettax il-jum tat-tnax-il xahar il-lhud kellhom jigu attakkati, maqtula u dak kollu li kien taghhom johduhomlhom. Aman issigilla din l-ordni bis-sigill tas-sultan u l-ordni li, allura minn issa ‘l quddiem ma setghatx timbidel giet imxandra mal-pajjiz kollu.

TGHALLEM LI DAK LI HU TA’ ALLA NAGHTUH BISS LIL ALLA BHALMA MA GHAMEL MORDOKAI.  DAN IL-BNIEDEM MILL-GENS LHUDI, IL-QIMA LI TISTHOQQ LIL ALLA RIED ITIHA BISS LIL ALLA U MHUX LILL-BNIEDEM BHALU.